# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1484/98**

**Numru 34**

**Falzon Service Station Limited**

**vs**

**Giovanni Mangiafico ezercenti l-kummerc bl-isem Giovanni & Sebastiano Mangiafico**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disa' mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm963.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz u imghaxijiet kummercjali relattivi dovuti ghal fornitur ta' fuel maghmula lill-konvenuti fuq inkarigu tal-konvenut stess, kif irrizulta mill-istatement tad-9 ta' Marzu 1998, kopja annessa mal-avviz u markata Dok "A" u liema somma il-konvenut gie inutilment interpellat sabiex ihallas.

Bl-ispejjes u bl-imghax, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi .

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-14 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita' kif premessa sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm963.31,0 bl-imghax kummercjali mid-29 ta' Lulju 1998 sal-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg